# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 32**

**Avviz numru 606/01/SM**

**Carmelo Zammit**

**vs**

**Aaron u Paola konjugi Xuereb**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-konvenuti gew imsejha mill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu lill-attur is-somma ta' LM310 rapprezentanti dritt ta' senserija dovuta minnhom bhala xerrejja in konnessjoni ma' akkwist ta' mezzanin fit-tieni sular fis-Sghajtar limiti tan-Naxxar/Mosta li sehh in**

forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Francis Micallef datata 5 ta' Frar 2001;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra legali datata 29 ta' Mejju 2001 u bl-interessi skond il-ligi kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tal-fatt illi l-attur kien involut biss b'mod indirett ghall-finijiet tal-inkontro preliminari, izda bl-ebda mod ma kkontribwixxa ghall-konkluzjoni tan-negozju bejn il-konvenuti u l-bejjiegh, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi in oltre l-konvenuti qatt ma ngaggaw is-servizzi tal-attur, fil-fatt kemm fil-konvenju kif ukoll fl-att finali ma ssemmix li hi dovuta l-ebda senserija;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi Charles Camilleri, l-proprjetarju tal-fond ta' ghamla mezzanin sitwat fit-tieni sular fis-Sghajtar, limiti tan-Naxxar/Mosta, kien informa

**lill-attur Carmelo Zammit li ried ibiegh l-istess fond;**

2. **Ilil meta l-konvenuti kienu marru jispezzjonaw l-istess fond huma iltaqghu ma l-attur li staqsihom jekk kienux interessati jixtru l-fond in dizamina;**

3. **Illi meta huma esprimew intenzjoni pozittiva ghal dan, l-attur cempel lill-proprjetarju fuq indikat li jidher li rrisponda malajr peress li gie mill-ewwel fuq il-post;**

4. **Illi f'dan l-istadju l-proprjetarju u l-konvenuti regghu marru jezaminaw il-post mill-gdid u din id-darba l-attur jidher li kien prezenti fil-paraggi izda ma jirrizultax li kien b'xi mod influenti f'xi trattattivi li kienu ghaddejjin;**

5. **Illi effettivament jirrizulta li n-negozju gie konkluz bejn il-proprjetarju u l-konvenuti;**

6. **Illi l-proprjetarju jsostni li hallas lill-attur is-senserija dovuta minnu;**

7. **Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu s-senserija taghhom lill-attur u ghalhekk giet intavolata din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Bartolomeo Galea vs Luigi Caruana Dingli datata 21 ta' Frar ta' l-1936, Volum XXIX. I. pp. 1001 – 1007, hawn si tratta ta' dritt ta' retribuzzjoni bhala mandatarju u mhux ta' senserija vera u proprja;**

**Illi kif gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell ta' Torin fis-sentenza datata 6 ta' Gunju ta' l-1884 riprodotta fis-sentenza fuq citata:**

> **"…nei rapporti di chi da` l'incarico, quando e` provato che questi commise all'incaricato di trovagli un compratore, che esso si adopero` a questo oggetto e**

**nelle pratiche agi' sempre in nome del committente, certo nei suoi rapporti coll'incaricante assume le qualita` di mandatario retribuibile…"**

**Illi l-istess insenjament gie riaffermat fid-decizjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell lokali riprodotti fis-sentenza ta' din il-Qorti fuq citata;**

**Illi s-suespost jinghad minghajr pregudizzju ghall-fatt li din hi procedura ta' natura sommarja u qed tigi trattata hekk minn din il-qorti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi minn analizi tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:**

1. **Illi l-attur kien regolarment awtorizzat mill-proprjetarju tal-fond in dizamina biex jadopera ruhu bil-finalita' li l-fond jinbiegh;**

2. **Illi effettivament l-attur adopera ruhu ghal dan l-iskop;**

3. **Illi l-intervent tieghu ghalkemm effettiv pero' ma jirrizultax determinanti stante li t-trattattivi veri u proprji saru biss bejn il-konvenuti u l-proprjetarju;**

**Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tiddikjara lill-attur bhala mandatarju retribwibbli tordna li dan l-attur jinghata kumpess arbitrio boni viri u diskrezzjonali ghar-ragunijiet fuq indikat mill-konvenuti Xuereb fl-ammont ta' hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM75.00,0), u dan ghas-servizzi minnu rezi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**